# Il-Ħadd 10.12.2017

1. Illum 10/12, **it-Tieni Ħadd tal-Avvent**:
   - Infakkar li fejn il-bieb tal-knisja, għandna għall-bejgħ ponsjetti u biljetti ta' lotterija li tittella' qrib il-Milied.

2. Il-Ħamis 14/12:
   - Filgħodu ser ikollna Ħarġa: inżuru l-knisja tal-patrijiet Kapuċċini ddedikata lil San Ġużepp Ħaddiem, ix-Xemxija, fejn ikollna Quddiesa, u wara *buffet lunch* f'lukanda l-Mellieħa. Tluq fid-8:45am u inkunu lura għas-1:45pm. Biljetti u dettalji mingħand il-helpers.

3. Il-Ġimgħa 15/12: **Tibda n-Novena tal-Milied**:-
   Fis-6:00pm – Rużarju;
   Fis-6:15pm – Il-Ħsieb tan-Novena u l-Barka Sagramentali;
   Fis-6:30pm – Quddiesa bit-talb tas-Salmi tal-Liturġija tas-Siegħat.
   Tul il-jiem tan-Novena ser ikollna qfif kemm għand xi ħwienet tal-ikel u kemm fuq l-altar biex inġibu affarijiet li wara jingħataw bħala għajnuna lill-persuni fil-bżonn u istituti. Inħeġġu wkoll biex min jixtieq jagħti rigal utli b'risq il-Missjoni, jara ftit il-qoxra ta' wara tal-**Flimkien** ta' dan ix-xahar, fejn isib rigali b'differenza li tassew ikunu qed itejbu l-kundizzjoni tal-ħajja ta' diversi nies. Fuq suġġeriment ta' xi wħud, ħsibt li aħna bħala parroċċa nistgħu nifttħu fond biex min irid jagħti donazzjoni li wara nsarrfuha f'uħud minn dawn ir-rigali u fl-Epifanija nippreżentaw dawn ir-rigali tagħna favur il-ħajja. Nafda dejjem fil-ġenerożita' tagħkom.

   Il-Ġimgħa 15/12:
   - L-animazzjoni tan-Novena tkun mis-Sorijiet Dumnikani u l-Kunsill Parrokkjali.

4. Is-Sibt 16/12:
   - Mill-5:00pm 'il quddiem ikollna l-Qrar bi preparazzjoni għall-Milied.
   - L-animazzjoni tan-Novena tkun mill-Kummissjoni Familja u Grupp Koppji Miżżewġa.

5. Il-Ħadd 17/12, **it-Tielet Ħadd tal-Avvent**:
   - Filgħaxija – L-animazzjoni tan-Novena tkun mill-Kappillan.

6. Avviżi oħra:
   - Is-Sibt 16/12: Il-Każin Banda San Pawl, qed jorganizza ġurnata għal Għawdex b'quddies f'Ta' Pinu, u żjajjar ta' xi wirjiet tal-presepji kif ukoll il-Presepju Ħaj ta' Għajnsielem. Tluq minn Ħal Safi fis-6:30am. Aktar dettalji mingħand Joseph jew Redeemer Barber.

7. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 285 bħala ġabra speċjali b'risq il-manutensjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr.
   - € 10 bħala donazzjonijiet bl-istenn għan.
   Grazzi mill-qalb.